173

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

Appell minn Deċiżjoni li tinħareġ Penali Amministrattiva mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 3 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Numru tal-Każ: IF0012/21-F
Riferenza tal-Multa: SO0669

Angelo Bonello

*vs*

L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

**Rikors tal-Appell ta' Angelo Bonello (K.I. 815148M)**

Jesponi bir-rispett,

Illi l-esponenti ġie notifikat b'deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' intimata fl-10 ta' Mejju 2021 fejn l-esponenti ġie kkundannat iħallas penali ta' €1,200 għall-ksur tar-Regolament 12 tar-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) senjatament talli nhar is-Sibt 2 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tas-sitta neqsin għoxrin ta' wara nofsinhar sar ħruq ta' skart imħallat fil-barriera SM59, Tal-Madroba, Tas-Sejba, fil-limit tal-Imqabba. Għal kull buon fini id-deċiżjoni mogħtija qed tiġi annessa flimkien ma' dan ir-rikors bħala Dok. "A";

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-Kap. 551 għas-segwenti raġunijiet:-

1. Illi l-esponenti huwa responsabbli biss ta' parti mill-barriera SM59, Tal-Madroba, Tas-Sejba, fil-limit tal-Imqabba filwaqt li l-parti rimanenti hija taħt ir-responsabilita' ta' ibnu Nicholas Bonello (K.I. 25685M);

2. Illi l-parti tal-barriera li tintuża minn Nicholas Bonello hija koperta minn permess għar-reċiklaġġ ta' *skart* iġġenerat mill-kostruzzjoni filwaqt li l-parti rimanenti li għaliha huwa responsabbli l-esponenti hija mirduma;

3. Illi maġenb il-barriera SM59 hemm razzett li jappartjeni lil terzi persuni u li llum jappartjeni lil ċertu Kenneth Zammit. Il-persuni li għamlu użu mir-razzett waddbu materjal fil-barriera SM59 li l-esponenti kienu bi ħsiebhom li jneħħu;

4. Illi Nicholas Bonello ġie nfurmat fit-3 ta' Jannar 2021 li ġurnata qabel kien hemm ħruq fil-barriera SM59 u kienu marru l-membri tal-Protezzjoni Ċivili jitfu n-nar. L-esponenti u ibnu aċċedew fuq il-barriera fejn sabu l-katnazz tal-barriera mqaċċat (preżubilmentmill-membri tal-Protezzjoni Ċivili) u n-nar kien għadu mhux mitfi. Fit-tlett ijiem l-esponenti u ibnu ġabu numru konsiderevoli ta' *bowsers* sakemm ma ntefa n-nar;

5. Illi dakinhar tat-2 ta' Jannar 2021 il-barriera kienet magħluqa u la l-esponenti u lanqas ibnu ma kienu fiha. La l-esponenti u lanqas ibnu ma seta' jkollhom kontroll fuq il-ħruq li sar minn terzi persuni waqt li l-barriera kienet magħluqa.

Għaldaqstant in vista tas-suespost filwaqt li l-esponenti jirriserva li jipproduċi provi, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni meħuda tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-10 ta' Mejju 2021 li tinħareġ penali amministrattiva konsistenti fil-multa SO0669 fil-konfront tal-esponenti.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*
*E: jbonello@8pointlaw.com*

Avv. Marycien Vassallo
*mvassallo@8pointlaw.com*

Esponenti: "Vella Farm", Triq il-Fawwara, Siġġiewi

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

Appell minn Deċiżjoni li tinħareġ Penali Amministrattiva mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

Numru tal-Każ: IF0012/21-F
Riferenza tal-Multa: SO0669

Angelo Bonello

*vs*

L-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

**Elenku tax-xhieda**

L-esponenti sabiex jixhed dwar il-fatti tal-każ;

Qraba, familjari u ħaddiema tal-esponenti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

Uffiċjali tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi isimhom għadu mhux magħruf li responsabbli mill-File IF0012/21-F sabiex jixhdu dwar il-fatti magħrufa minnhom;

Membri tal-Protezzjoni Ċivili li qaċċtu l-katnazz u daħlu fil-barriera fit-2 ta' Jannar 2021;

Kenneth Zammit, sid ir-razzett maġenb il-barriera sabiex jixhed dwar l-iskart mormi mill-persuni li kienu jużaw ir-razzett

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*
*E: jbonello@8pointlaw.com*

Avv. Marycien Vassallo
*mvassallo@8pointlaw.com*